



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**



9179/12
(OR. en)
PRESSE 172
PR CO 24

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3162 laqgħa tal-Kunsill

Ġustizzja u Affarijiet Interni

Lussemburgu, 26 u 27 ta' April 2012

President **Is-Sur Morten BØDSKOV,**
Ministru tal-Ġustizzja tad-Danimarka

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 8914 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

*Il-Ministri tal-Affarijiet Interni qablu dwar approċċ ġenerali dwar l-istabbiliment ta' sistema tal-UE ta' reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR), direttiva dwar l-użu tad-data tal-PNR għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u reati serji. Huma adottaw ukoll mingħajr diskussjoni (bħala punt "A") deċiżjoni dwar il-konklużjoni ta' **ftehim** għid tal-PNR bejn l-UE u l-Istati Uniti.*

*Kwistjonijiet oħra relatati mat-terroriżmu inkludew dibattitu dwar proposta għal regolament dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' **prekursuri tal-isplussivi** li għandha l-għan li tillimita l-aċċess għal dawn il-kimiki mill-membri tal-pubbliku ġenerali, kif ukoll l-adozzjoni tal-konklużjonijiet dwar id-deradikalizzazzjoni u d-diżingagġ mill-involviment f'attivitajiet terroristiċi.*

*Fir-rigward tal-migrazzjoni, il-Kunsill approva karta ta' azzjoni maħsuba biex tiżgura **rispons koerenti tal-UE għall-pressjonijiet migratorji attwali**. Il-Ministri ddiskutew ukoll il-konklużjonijiet dwar l-Approċċ Globali lejn il-migrazzjoni u l-mobbiltà li għandhom jiġu adottati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali f'Mejju. Sar dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-**ftehimiet ta' riammissjoni**.*

*Fir-rigward tal-istabbiliment tas-**Sistema Ewropea Komuni tal-Asil**, il-Kunsill ta ħarsa lejn is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati dwar l-erba' proposti leġiżlattivi pendenti.*

*Il-Ministri tal-Ġustizzja laħqu approċċ ġenerali parzjali dwar direttiva dwar sanzjonijiet kriminali għal **abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq**. Huma kellhom ukoll dibattitu dwar regolament propost dwar ir-rikonossiment reċiproku ta' **miżuri ta' protezzjoni meħuda f'materji ċivili**.*

*Il-Kunsill sema' preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' proposta għal direttiva dwar l-**iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali** u kellu skambju ta' fehimiet dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-Adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (KEDB). Imbagħad il-ministri ħadu nota tas-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-**Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)**.*

*Fil-marġni tal-Kunsill, il-**Kumitat Imħallat** (l-UE flimkien man-Norveġja, l-Islanda, il-Liechtenstein u l-Isvizzera) iddiskuta l-karta ta' azzjoni msemmija hawn fuq dwar rispons koerenti tal-UE għal pressjonijiet migratorji kontinwi kif ukoll is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tat-tieni ġenerazzjoni tas-**Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)**.*

WERREJ¹

PARTEĊIPANTI	5
---------------------------	----------

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Sistema PNR tal-UE	8
Prekursuri tal-isplussivi	9
Deradikalizzazzjoni u dizingaġġ mill-involvement fattivitajiet terroristiċi.....	10
Azzjoni tal-UE dwar pressjoni migratorji - Rispons strateġiku.....	10
Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà (GAMM)	10
Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA)	11
Ftehimiet ta' riammissjoni.....	13
Iffriżar u konfiska tar-rikavat minn attività kriminali	13
Sanzjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq.....	14
Rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili	15
Adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB).....	16
ECRIS	16
Affarijiet oħra.....	17
KUMITAT IMĦALLAT	18
Azzjoni tal-UE dwar pressjoni migratorji - Rispons strateġiku.....	18
SIS II:.....	19
Affarijiet oħra.....	19

¹

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit ta' l-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit ta' l-Internet tal-Kunsill insemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Istampa.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI*ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI*

–	Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili.....	20
–	Traffikar tad-drogi li joriġinaw fl-Afrika tal-Punent.....	20
–	Sigurtà f'avvenimenti sportivi b'dimensjoni internazzjonali	20
–	President tal-Eurojust	21
–	Skambju awtomatizzat ta' data (VRD) mal-Polonja	21
–	Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri	21

AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

–	Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju - Reviżjoni tal-istatuti	22
---	--	----

AFFARIJET BARRANIN

–	Burma/Mjanmar - miżuri restrittivi	22
–	L-adeżjoni tal-UE mat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk	23

ĦATRIET

–	Imħallfin u Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja	23
---	--	----

PARTEĊIPANTI

Belġju:

Is-Sinjura Joëlle MILQUET
Is-Sinjura Annemie TURTELBOOM
Is-Sinjura Maggie DE BLOCK

Is-Sur Dirk WOUTERS

Bulgarija:

Is-Sur Dimitar TZANTCHEV

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Jan KUBICE
Is-Sur Jaroslav HRUŠKA
Is-Sur Jiří POSPÍŠIL

Danimarka:

Is-Sur Morten BØDSKOV

Ġermanja:

Is-Sur Hans-Peter FRIEDRICH
Is-Sur Peter TEMPEL

Estonja:

Is-Sur Ken-Marti VAHER
Is-Sur Matti MAASIKAS

Irlanda:

Is-Sur Alan SHATTER

Greċja:

Is-Sur Michael CHRISOCHOIDIS
Is-Sur Ioannis IOANNIDIS

Spanja:

Is-Sur Jorge FERNÁNDEZ DIAZ
Is-Sur Fernando ROMÁN GARCÍA

Franza:

Is-Sur Claude GUEANT

Is-Sur Philippe ETIENNE

Italja:

Is-Sinjura Anna Maria CANCELLIERI
Is-Sinjura Paola SEVERINO DI BENEDETTO

Ċipru:

Is-Sinjura Eleni MAVROU
Is-Sur Loukas LOUCA

Latvja:

Is-Sur Rihards KOZLOVSKIS
Is-Sur Mārtiņš LAZDOVSKIS

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern
Ministru tal-Ġustizzja
Segretarju tal-Istat għall-Politika dwar il-Migrazzjoni u l-Asil u l-Integrazzjoni Soċjali
Rappreżentant Permanenti

Rappreżentant Permanenti

Ministru tal-Intern
Viċi Ministru tal-Intern
Ministru tal-Ġustizzja

Ministru tal-Ġustizzja

Ministru Federali tal-Intern
Rappreżentant Permanenti

Ministru tal-Intern
Rappreżentant Permanenti

Ministru tal-Ġustizzja u l-Ugwaljanza, Ministru tad-Difiża

Ministru tal-Protezzjoni taċ-Ċittadini
Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem

Ministru tal-Intern
Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja

Ministru tal-Intern, it-Territorji Extra-Ewropej, l-Awtoritajiet Lokali u Reġionali u l-Immigrazzjoni
Rappreżentant Permanenti

Ministru tal-Intern
Ministru tal-Ġustizzja

Ministru tal-Intern
Ministru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubbliku

Ministru tal-Intern
Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ġustizzja

Litwanja:

Is-Sur Sigitas SIUPSINSKAS
Is-Sur Tomas VAITKEVICIUS

Viċi Ministru tal-Intern
Viċi Ministru tal-Ġustizzja

Lussemburgu:

Is-Sur Jean-Marie HALSDORF
Is-Sur François BILTGEN

Ministru tal-Intern u l-Grande Région, Ministru tad-Difiża
Ministru tal-Ġustizzja, Ministru tas-Servizz Pubbliku u r-Riforma Amministrattiva, Ministru tal-Edukazzjoni
Għolja u tar-Riċerka, Ministru tal-Komunikazzjoni u l-Media, Ministru tal-Affarijiet Reliġjużi.
Ministru tax-Xogħol, l-Impjiegi u l-Immigrazzjoni

Is-Sur Nicolas SCHMIT

Ungerija:

Is-Sur Károly KONRÁT
Is-Sur Tibor NAVRACSICS

Segretarju tal-Istat Parlamentari, Ministeru tal-Intern
Ministru tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Ġustizzja

Malta:

Is-Sur Carmelo MIFSUD BONNICI
Is-Sur Chris SAID

Ministru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari
Ministru tal-Ġustizzja, id-Djalogu u l-Familja

Pajjiżi l-Baxxi:

Is-Sur Gerd LEERS
Is-Sur Ivo OPSTELTEN
Is-Sur Fred TEEVEN

Ministru tal-Immigrazzjoni, l-Integrazzjoni u l-Asil
Ministru tas-Sigurtà u l-Ġustizzja
Segretarju tal-Istat għas-Sigurtà u l-Ġustizzja

Awstrija:

Is-Sinjura Johanna MIKL-LEITNER
Is-Sur Walter GRAHAMMER

Ministru Federali tal-Intern
Rappreżentant Permanenti

Polonja:

Is-Sur Jacek CICHOCKI
Is-Sur Michał KRÓLIKOWSKI

Ministru tal-Intern
Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ġustizzja

Portugall:

Is-Sur Juvenal SILVA PENEDA
Is-Sur Fernando SANTO

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Intern
Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ġustizzja

Rumanija:

Is-Sinjura Alina BICA
Is-Sur Marian-Grigore TUTILESCU

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ġustizzja
Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Amministrazzjoni u l-Affarijiet Interni

Slovenja:

Is-Sur Senko PLIČANIČ
Is-Sur Robert MAROLT

Ministru tal-Ġustizzja u l-Amministrazzjoni Pubblika
Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Intern

Slovakkja:

Is-Sur Tomáš BOREC
Is-Sur Ivan KORČOK

Ministru tal-Ġustizzja
Rappreżentant Permanenti

Finlandja:

Is-Sinjura Päivi RÄSÄNEN
Is-Sinjura Anna-Maja HENRIKSSON

Ministru tal-Intern
Ministru tal-Ġustizzja

Svezja:

Is-Sinjura Beatrice ASK
Is-Sur Tobias BILLSTRÖM
Is-Sur Martin VALFRIDSSON

Ministru tal-Ġustizzja
Ministru tal-Migrazzjoni
Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ġustizzja

Renju Unit:

Is-Sinjura Theresa MAY

Is-Sur Kenneth CLARKE

Segretarju tal-Istat tad-Dipartiment tal-Intern u Ministru
għan-Nisa u l-Ugwaljanzi
Lord Chancellor, Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja

.....

Kummissjoni:

Is-Sinjura Viviane REDING

Is-Sinjura Cecilia MALMSTRÖM

Viċi President

Membri

.....

Il-Gvern tal-Istat Aderenti kien irrappreżentat kif ġej:

Kroazja:

Is-Sur Ranko OSTOJIĆ

Is-Sur Orsat MILJENIĆ

Ministru tal-Intern

Ministru tal-Ġustizzja

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Sistema PNR tal-UE

Il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali dwar abbozz ta' direttiva dwar l-użu tad-data tal-passiġġieri f'titjira kontra reati terroristiċi u reati serji ([8916/12](#)). Permezz tal-qbil fost l-Istati Membri dwar approċċ ġenerali il-Presidentza Daniża tista' tibda n-negozjati mal-Parlament Ewropew skont il-proċedura legiſlattiva ordinarja.

Id-diskussjoni fil-Kunsill ittrattat, fost affarijiet oħra, żewġ kwistjonijiet ewlenin. L-ewwel kwistjoni kienet dwar jekk ir-regoli l-ġodda proposti għandhomx ikunu limitati għall-ġbir tal-hekk imsejħa data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għal titjiriet minn u lejn pajjiżi terzi jew jekk titjiriet fl-UE għandhomx ikunu koperti wkoll. Permezz tal-kompromess propost l-Istati Membri jkunu jistgħu, iżda mhumiex obligati, li jiġbru data tal-PNR anke fir-rigward ta' selezzjoni ta' titjiriet fl-UE stess.

It-tieni kwistjoni prinċipali diskussa kienet il-perijodu taż-żamma Il-proposta inizjali ta' Kummissjoni, ippreżentata fi Frar 2010 ([6007/11](#)), tistipula perijodu ta' żamma totali ta' ħames snin. Madankollu, wara 30 jum, id-data tal-PNR għandha tinħeba, sabiex l-uffiċjal tal-infurzar tal-liġi li jaħdem fil-"front desk" ma jibqax jara l-elementi tal-PNR relatati mal-persuna, iżda jkun jista' jarahom biss wara li tingħata awtorizzazzjoni speċifika. Għadd ta' Stati Membri jqisu li dan il-perijodu ta' ħżin inizjali ta' 30 jum huwa qasir wisq mil-lat operattiv peress li ta' spiss ikun jeħtieġ li tiġi ċċekkjata - fi ftit sigħat - l-istorja tal-ivvjaġġar ta' persuna li awtomatikament tingħażel għal reviżjoni ulterjuri. Il-pożizzjoni tal-Kunsill maqbula issa hija li jinżamm il-perijodu taż-żamma ġenerali ta' ħames snin iżda li l-ewwel perijodu li matulu d-data tkun aċċessibbli għalkollox jitwal għal sentejn.

L-għan ġenerali tad-Direttiva proposta huwa li tiġi stabbilita sistema koerenti mifruxa mal-UE kollha dwar id-data tal-passiġġieri f'titjira, billi jinholq mudell uniku tal-UE għall-Istati Membri kollha li jkunu qed jieħdu sehem fir-regoli l-ġodda u li tiżgura l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti fl-Unjoni. B'konsegwenza, it-trasportaturi bl-ajru kollha li jkunu qed itiru fuq rotot koperti mir-regoli l-ġodda jkollhom bżonn jipprovdu data tal-PNR lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri. Madankollu, dawn l-awtoritajiet ikunu jistgħu jużaw id-data - li diġà qed tinġabar mit-trasportaturi bl-ajru - għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u reati (transnazzjonali) serji biss.

Prekursuri tal-isplussivi

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar proposta għal regolament dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi abbażi ta' dokument ta' diskussjoni ppreżentata mill-Presidenza Daniża ([8922/12](#)) Il-proposta inizjali kienet ippreżentata mill-Kummissjoni f'Settembru 2010 ([14376/10](#)) u hija mmirata biex tillimita l-aċċess minn membri tal-pubbliku ġenerali għal prekursori tal-isplussivi.

Id-dibattitu ffoka fuq kompromess possibbli ppreżentat fid-dokument ta' diskussjoni Daniż, u maġġoranza kbira ta' Stati Membri appoġġaw it-test. Il-Kunsill talab lill-korpi preparatorji tiegħu biex ikomplu jaħdmu fuq il-fajl sabiex jintlaħaq qbil dwar it-test finali mal-Parlament Ewropew mill-aktar fis possibbli.

Il-proposta ta' kompromess Daniża appoġġata mill-Kunsill iżżomm l-elementi kruċjali tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni, jiġifieri projbizzjoni ġenerali fuq il-membri tal-pubbliku ġenerali li jakkwistaw, jiksbu jew jużaw is-sustanzi kimiċi rilevanti. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn din ir-regola ġenerali:

- billi jintroduċu sistema ta' liċenzjar li permezz tagħha jkun jeħtieġ li membri tal-pubbliku ġenerali jiksbu u jippreżentaw liċenzja li jakkwistaw, jiksbu jew jużaw is-sustanzi kimiċi elenkati fl-anness għar-regolament f'konċentrazzjonijiet oġġli minn daww stipulati f'dak l-anness;
- billi jistabbilixxu sistema għar-reġistrazzjoni tal-akkwist minn membri tal-pubbliku ġenerali biex jiksbu aċċess għal tlieta mis-sustanzi fl-anness, jiġifieri l-perossidu tal-idroġenu, l-aċidu nitriku u n-nitromethane taħt ċerti limiti ta' konċentrazzjoni. Dawn huma s-sustanzi u l-konċentrazzjonijiet li jintużaw l-aktar u li, għaldaqstant, joħolqu l-akbar piż amministrattiv meta tkun qed tiġi stabbilita sistema ta' liċenzjar;
- billi l-Istati Membri li diġà għandhom sistema ta' reġistrazzjoni għall-aċċess għal waħda mis-sustanzi jew aktar elenkati fl-anness ikunu jistgħu jkomplu japplikaw dik is-sistema għal uħud jew għas-sustanzi kollha f'konformità mar-reġim ta' reġistrazzjoni stipulat f'dan ir-regolament.

Il-Kummissjoni ser tirrevedi r-regolament wara tliet snin biex tiddeċiedi jekk is-sistema għandhiex tiġi msaħħa u armonizzata aktar.

Deradikalizzazzjoni u diżingagġ mill-involvement f'attivitajiet terroristiċi

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar id-deradikalizzazzjoni u d-diżingagġ mill-involvement f'attivitajiet terroristiċi ([8624/12](#)).

L-għan ta' dawn il-konklużjonijiet huwa li jiġbdu l-attenzjoni tal-awtoritajiet tal-istat, daww reġjonali jew lokali dwar l-importanza li jiġu trattati l-fenomeni u li tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni aktar mill-qrib. Il-konklużjonijiet jirreferu wkoll għan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni maħluq reċentement li għandu l-għan, b'mod partikolari, li jsaħħaħ l-iskambju ta' għarfien u l-aħjar prattiki fost l-Istati Membri.

Azzjoni tal-UE dwar pressjoni migratorji - Rispons strateġiku

Il-Kunsill approva dokument ta' azzjoni msejjaħ "Azzjoni tal-UE dwar pressjoni migratorja - Risposta strateġika". Għal aktar informazzjoni ara l-kapitolu rilevanti taħt Kumitat Imħallat.

Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà (GAMM)

Il-Kunsill iddiskuta abbozz ta' konklużjonijiet dwar l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà li huma mistennija li jiġu adottati mill-Kunsill Affarjiet Ġenerali f'Mejju. Il-Ministri kellhom ukoll skambju ta' fehmiet dwar l-implimentazzjoni tal-Approċċ Globali mġedded.

F'Diċembru 2011, il-Kunsill ħa nota tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà" ([17254/11](#) + [ADD 1](#)). F'din il-komunikazzjoni, il-Kummissjoni tipproponi li tiċċentra l-azzjoni tal-UE fil-qasam ma'dwar erba' prijoritajiet operattivi: l-organizzazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni u l-mobbiltà legali; il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-migrazzjoni irregolari u t-traffikar tal-bnedmin; il-promozzjoni tal-protezzjoni internazzjonali u t-titjib tad-dimensjoni esterna tal-politika dwar l-asil; u l-massimizzazzjoni tal-impatt tal-iżvilupp fuq il-migrazzjoni u l-mobbiltà.

Il-komunikazzjoni tissuġġerixxi wkoll it-tisħiħ tal-Approċċ globali, b'mod partikolari permezz ta': integrazzjoni aktar qawwija mal-politika estera tal-UE u l-kooperazzjoni għal-iżvilupp; billi jiġi allinjat aħjar mal-oġettivi tal-politika interna tal-UE, b'mod partikolari l-Istrateġija Ewropa 2020 iżda wkoll mal-politiki dwar l-impjiegi u l-edukazzjoni; issir enfasi akbar fuq il-mobbiltà u l-politika dwar il-viża, kif ukoll fuq il-protezzjoni internazzjonali u d-dimensjoni esterna tal-politika dwar l-asil; u titkompla tingħata prijorità lill-Viċinat tal-UE, is-Sħubija bejn l-UE u l-Afrika u l-pajjiżi tal-Lvant.

Il-komunikazzjoni ssegwi komunikazzjoni preċedenti tal-Kummissjoni dwar il-migrazzjoni bid-data 4 ta' Mejju 2011 ([9731/11](#)).

Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA)

Il-Kunsill ħa nota, abbażi ta' dokument tal-presidenza ([8595/12](#)), tas-sitwazzjoni attwali tan-negozjati dwar id-diversi proposti leġislattivi pendenti rigward is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA). Filwaqt li jżomm mal-impenn li jsaħħaħ is-SEKA sa tmiem l-2012, il-Kunsill ta struzzjonijiet lill-korpi preparatorji tiegħu biex ikompli l-ħidma dwar id-diversi proposti.

Is-sitwazzjoni dwar l-erba' fajls pendenti tista' tiġi deskritta kif ġej:

- Fir-rigward tad-direttivi dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza, in-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropea huma mistennija li jibdew dalwaqt. Proposta riveduta ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni fl-1 ta' Ġunju 2011 ([11214/11](#)).
- Sar progress fir-rigward tad-direttivi dwar il-proċeduri tal-asil, partikolarment fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura, l-applikanti bi ħtiġijiet proċedurali speċjali u l-applikabbiltà tal-proċeduri aċċellerati. Għadhom għaddejjin diskussjonijiet fil-korpi preparatorji tal-Kunsill dwar l-elementi ewlenin bħall-garanziji għal minuri mhux akkumpanjati, applikazzjonijiet sussegwenti u d-dritt għal rimedju effettiv. Proposta riveduta tad-direttiva ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni fl-1 ta' Ġunju 2011 ([11207/11](#)).
- Huwa mistenni li negozjati jibdew dalwaqt bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar ir-Regolament ta' Dublin, li jistabbilixxi l-proċeduri sabiex ikun determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Il-Kunsill introduċa mekkaniżmu għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni tal-kriżijiet. Dan il-mekkaniżmu għandu l-għan li jevalwa l-funzjonament Prattiku tas-sistemi nazzjonali tal-asil, jassisti lil Stati Membri fil-bżonn u jevita kriżijiet tal-asil. Il-mekkaniżmu jikkonċentra fuq l-adozzjoni ta' miżuri biex jevita li l-kriżijiet tal-asil jiżviluppaw aktar, pjuttost milli jindirizza l-konsegwenzi ta' tali kriżijiet wara li jkunu seħħew.

Barra minn hekk, f'Marzu 2012 il-Kunsill adotta [konkluzzjonijiet](#) dwar qafas komuni għal solidarjetà ġenwina u prattika lejn Stati Membri li qed jiffaċċjaw pressjonijiet partikolari fuq is-sistemi ta' asil tagħhom inkluż permezz ta' flussi migratorji mħalltin. Dawn il-konkluzzjonijiet huma intiżi biex jikkostitwixxu sett ta' għodod għas-solidarjetà fl-UE lejn dawk l-Istati Membri l-aktar affettwati minn tali pressjonijiet u/jew li qed jiltaqgħu ma' problemi fis-sistemi ta' asil tagħhom. Huma għandhom ukoll l-għan li jikkomplementaw u jgħinu l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu previst għal twissija bikrija, tħejjija u maniġġar ta' kriżijiet fir-Regolament Dublin emendat.

- Fir-rigward tar-Regolament Eurodoc, id-diskussjonijiet għadhom sospiżi sakem titlesta proposta riveduta ta' Kummissjoni. L-Istati Membri talbu dispożizzjonijiet addizzjonali li permezz tagħhom l-awtoritajiet tagħhom tal-infurzar tal-liġi ikun jista' jkollhom aċċess għal din il-bażi tad-data ċentrali ta' marki tas-swaba' mifruxa mal-UE kollha soġġett għal kondizzjonijiet stretti dwar il-protezzjoni tad-data, għall-fini ta' għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata.

S'issa, diġà ġew adottati erba' ftehimiet u deċiżjonijiet oħra relatati mas-SEKA. Dawn jirrigwardaw:

- Id-[direttiva dwar il-kwalifiki](#) li tippredvi standards aħjar, aktar ċari u armonizzati għall-identifikazzjoni tal-persuni fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali li ġiet adottata f'Novembru 2011 u daħlet fis-seħħ f'Jannar 2012.
- Id-[direttiva dwar residenza fit-tul](#) ġiet adottata f'April 2011.
- Il-ħolqien ta' [Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam ta' Asil \(EASO\)](#) li beda jopera fir-rebbiegħa 2011.
- Id-deċiżjoni meħuda f'Marzu 2012 li tistabbilixxi [prijoritajiet ta' risistemazzjoni komuni ta' UE għall-2013](#) kif ukoll regoli ġodda dwar il-finanzjament ta' UE għal attivitajiet ta' risistemazzjoni mwettqin minn Stati Membri.

Rigward il-kuntest ġenerali, għandu jitfakkar li l-Kunsill Ewropew ikkonferma fil-konkluzzjonijiet tiegħu f'Ġunju 2011 li n-negozjati dwar id-diversi elementi tas-SEKA għandhom jiġu konklużi sal-2012 ([EUCO 23/11](#)).

Ftehimiet ta' riammissjoni

Il-Kunsill iddiskuta s-sitwazzjoni attwali tal-ftehimiet ta' riammissjoni bejn l-UE u pajjiżi terzi b'fokus partikolari fuq it-Turkija. Il-Presidenza Daniża biħsiebha tadotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett fi stadju aktar tard.

Mill-2000 'l hawn, il-Kunsill adotta 19-il direttiva ta' negozjar dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni ma' pajjiżi terzi, li minnhom 13 diġà daħlu fis-seħħ.¹ Tlestew in-negozjati ma' pajjiż wiehed² u għadhom għaddejjin negozjati ma' żewġ pajjiżi oħra³.

F'Ġunju 2011, il-Kunsill adotta l-[konklużjonijiet](#) li jiddefinixxu l-istrateġija tal-UE dwar ir-riammissjoni.

Iffriżar u konfiska tar-rikavat minn attività kriminali

Il-Kunsill laqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fl-UE, ippreżentata f'Marzu 2012 ([7641/12](#)).

L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li jkun iktar faċli għall-awtoritajiet nazzjonali biex jikkonfiskaw u jirkupraw il-profitti li l-kriminali jagħmlu minn kriminalità transkonfinali u organizzata. L-abbozz ta' direttiva jistabbilixxi regoli minimi għall-Istati Membri fir-rigward tal-iffriżar u l-konfiska tal-assi kriminali permezz ta' konfiska diretta, konfiska ta' valur, konfiska estiża, konfiska li ma tkunx ibbażata fuq kundanna (f'ċirkustanzi limitati), u konfiska fir-rigward ta' partijiet terzi. L-adozzjoni ta' tali proposta ser tiffaċilita l-fiduċja reċiproka u l-kooperazzjoni transkonfinali effettiva.

Il-Presidenza Daniża tixtieq tagħti spinta lin-negozjati u f'Mejju ser tibda dikussjonijiet dettaljati fil-korpi preparatorji. Xi Stati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li jsir aktar fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-konfiska li ma tkunx ibbażata fuq kundanna, filwaqt li oħrajn enfasizzaw il-ħtieġa li l-istrument isir kompatibbli mal-istrumenti nazzjonali.

¹ L-Albanija, il-Bosnja-Herzegovina, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava ta-Maċedonja (FYROM), il-Ġeorġja, ir-Repubblika ta-Moldova, il-Montenegro, ir-Russja, is-Serbja, l-Ukraina, il-Pakistan, il-Hong Kong, il-Makaw u s-Sri Lanka.

² it-Turkija. Ara wkoll [konklużjonijiet](#) tal-Kunsill relatati minn Frar 2011.

³ Il-Kap Verde u l-Marokk.

Sanzjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali dwar direttiva dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq ("direttiva dwar l-abbuż tas-suq", minn hawn 'il quddiem "MAD"). L-abbozz ta' direttiva ([16000/11](#)) jistabbilixxi regoli minimi għal sanzjonijiet kriminali għar-reati l-aktar serji ta' abbuż tas-suq, jiġifieri abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq. Dan johlq obbligu fuq l-Istati Membri li jiżguraw li dawn l-azzjonijiet ikunu punibbli bħala reati kriminali.

L-approċċ ġenerali parzjali jinkludi l-Artikoli 5 sa 12 u l-premessi korrispondenti u jservi bħala bażi għal diskussjoni dwar l-abbozz ta' direttiva fil-futur. L-Artikoli jinkludu, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet "inċitament, għajnuna u kompliċità, u tentattiv" (Art. 5), "sanzjonijiet kriminali" (Art. 6), "responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi" (Art. 7), "sanzjonijiet għall-persuni legali" (Art. 8) u r-rapport dwar l-applikazzjoni tad-direttiva (Art. 9).

Matul id-diskussjonijiet, xi delegazzjonijiet esprimew il-ħtieġa li d-direttiva għandha tapprossimizza wkoll it-tipi u l-livelli ta' penali, filwaqt li xi delegazzjonijiet oħrajn opponew din il-fehma. Il-kompromess propost jistabbilixxi li sa erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, il-Kummissjoni Ewropea għandha tirrapporta dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva u, jekk meħtieġ, dwar il-ħtieġa li tiġi riveduta, inkluż fir-rigward ta' kemm ikun xieraq li jiġu introdotti regoli minimi komuni dwar it-tipi u l-livelli ta' sanzjonijiet kriminali.

Minħabba li ħafna elementi fl-abbozz ta' direttiva jiddependu direttament jew indirettament mill-kontenut ta' strumenti oħrajn (b'mod partikolari r-regolament dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq - "MAR"), il-Kunsill ser jistenna r-riżultat tad-diskussjonijiet fil-korpi preparatorji sabiex jindirizza kif xieraq il-partijiet li jibqa' (l-Artikoli 1 sa 4). Għandu jiġi nnutat li l-approċċ ġenerali parzjali ma jippreġudikax diskussjonijiet oħra dwar tali partijiet li jibqa' u fil-futur jista' jeħtieġ elaborazzjoni ulterjuri jekk meħtieġ, qabel ma jsiru n-negozjati mal-Parlament Ewropew, il-koleġislatur f'din il-kwistjoni.

Rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili

Il-Kunsill kellu dibattitu dwar regolament propost dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili fuq it-talba tal-persuna li tkun f'riskju ([10613/11](#)).

L-oġġettiv ta' din il-proposta huwa li tistabbilixxi qafas legali li jiżgura li l-miżuri ta' protezzjoni kollha meħuda fi Stat Membru jibbenefikaw minn mekkaniżmu effiċjenti ta' rikonoxximent sabiex tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni libera tagħhom fl-UE kollha. Huwa għandu wkoll l-għan li jikkumplimenta l-hekk imsejħa l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni ("Direttiva EPO"), li tkopri l-ordnijiet ta' protezzjoni fi kwistjonijiet kriminali ([14517/11](#)). Il-kamp ta' applikazzjoni kkombinat taż-żewġ strumenti joffri lill-vittmi l-protezzjoni l-aktar wiesja possibbli.

Il-Ministri approvaw il-linji gwida dwar ċerti kwistjonijiet ewlenin tal-proposta sabiex jipprovdu gwida għall-ħidma futura. Dawk il-linji gwida ([8913/12](#)) jirrigwardaw tliet kwistjonijiet ewlenin:

- il-ħtieġa li ssir ħidma b'mod rapidu għall-adozzjoni tar-regolament propost. Il-Kunsill enfasizza li l-ħidma dwar ir-regolament għandha titkompla bi prijorità.
- il-ħtieġa li tiġi prevista sistema simplifikata għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' miżuri ta' protezzjoni. Il-Kunsill innota li għandu jkun hemm rikonoxximent awtomatiku u m'hemmx bżonn ta' dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni. Huwa enfasizza wkoll li fid-dawl tan-natura diversa tal-awtoritajiet involuti, il-proċedura għandha tinżamm sempliċi.
- l-importanza li jinholq ċertifikat li permezz tiegħu l-vittmi jkunu jistgħu jinvokaw miżuri ta' protezzjoni fi Stat Membru ieħor sabiex jiffaċilitaw ir-rikonoxximent u jnaqqsu l-ħtieġa għal traduzzjoni.

Din il-proposta hija parti minn pakkett leġislattiv li għandu l-għan li jsaħħaħ il-protezzjoni tal-vittmi fl-UE. Dan il-pakkett leġislattiv jinkludi wkoll direttiva dwar standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni ta' vittmi tal-kriminalità.

Ir-Renju Unit u l-Irlanda ddeċidew li jieħdu sehem f'dan l-istrument. Id-Danimarka mhijiex ser tipparteċipa.

Adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB)

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar kwistjonijiet pendenti li jirrigwardaw l-adeżjoni tal-UE Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (KEDB).

Il-Kunsill ħa nota tal-eżitu tad-diskussjonijiet dwar l-abbozz ta' ftehim ta' adeżjoni. Il-Presidenza kkonkludiet li n-negozjati għandhom ikomplu fuq din il-bażi mingħajr dewmien. B'mod parallel, id-diskussjonijiet għandhom ikomplu fi ħdan l-UE dwar ir-regoli li ser jirregolaw il-proċeduri interni fir-rigward tal-adeżjoni.

F'Ġunju 2011, il-Kunsill adotta mandat ta' negozjar u minn dak inhar saru diversi sessjonijiet ta' negozjar.

It-Trattat ta' Lisbona jipprovdi l-bażi legali għall-adeżjoni tal-UE għall-KEDB. L-Artikolu 6(2) tat-TUE jistipula li: "L-Unjoni għandha taderixxi għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali." Skont il-Programm ta' Stokkolma dan huwa ta' "importanza ewlenija". Il-programm appella wkoll għal adeżjoni "rapida" mal-KEDB.

ECRIS

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS).

Il-Proġett ECRIS għandu l-għan li jistabbilixxi sistema elettronika tal-iskambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali. Is-sistema hija bbażata fuq id-[Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠGAI](#) li kienet adottata mill-Kunsill f'April 2009. Sal-lum, il-proċess ta' implimentazzjoni għandu jkun lest; il-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni kollha meħtieġa għaddiet u l-miżuri tekniċi stabbiliti.

Affarijiet oħra

Taħt affarijiet oħra, il-presidenza infurmat lid-delegazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward ta' għadd ta' proposti leġislattivi attwali, inkluż:

- żewġ abbozzi ta' direttivi relatati mal-migrazzjoni legali, jiġifieri dwar trasferimenti intrakorporattivi u ħaddiema staġonali; kif ukoll
- abbozz ta' regolament dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-atti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu f'Marzu 2012 ([7443/12](#)) u l-Kunsill huwa mistenni li jadotta r-Regolament f'Ġunju 2012.

Il-Ministru Ungeriż stieden lill-kollegi tiegħu biex jattendu ċerimonja f'Budapest fit-23 ta' Awwissu 2012, il-Jum ta' Tifkira tal-vittimi ta' reġimi totalitarji. Matul il-Presidenza Ungeriża, il-Kunsill kien adotta konklużjonijiet dwar il-kwistjoni ([9317/11](#)).

KUMITAT IMĦALLAT

Fil-marġni tal-laqgħa tal-Kunsill, il-Kumitat Imħallat (l-UE flimkien man-Norveġja, l-Islanda, il-Liechtenstein u l-Isvizzera) iddiskuta l-punti li ġejjin:

Azzjoni tal-UE dwar pressjoni migratorji - Rispons strateġiku

Il-kumitat laqa' dokument ta' azzjoni msejjaħ "Azzjoni tal-UE dwar pressjoni migratorja - Rispons strateġiku" ([8714/1/12](#)) u laħaq ftehim dwaru. L-għan tad-dokument huwa li jistabbilixxi lista ta' azzjonijiet fl-oqsma ta' prijorità strateġiċi fejn huwa meħtieġ li jiżdiedu u jiġu ssorveljati l-isforzi sabiex jiġu pprevenuti u kkontrollati pressjonijiet eżistenti li jirriżultaw minn immigrazzjoni illegali kif ukoll minn abbuż tar-rotot ta' immigrazzjoni legali. Il-lista ta' azzjonijiet ser tiġi aġġornata mill-presidenzi futuri tal-UE u l-Istati Membri huma mħeġġin joffru b'mod volontarju li jissorveljaw l-isfidi sabiex jiġi żgurat li parti waħda jkollha perspettiva ġenerali tal-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet, u għaldaqstant dan ikun ta' għajjnuna għall-presidenzi futuri tal-UE fil-kompitu tagħhom.

L-abbozz ta' dokument jindirizza l-oqsma ta' prijorità strateġiċi li ġejjin: tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ta' transitu u ta' orijini dwar il-ġestjoni tal-immigrazzjoni; ġestjoni tal-fruntieri mtejba fuq il-fruntieri esterni; prevenzjoni tal-immigrazzjoni illegali mill-fruntiera Griega-Torka; trattament aħjar tal-abbuż ta' rotot ta' migrazzjoni legali; salvagwardja u protezzjoni tal-moviment liberu permezz tal-prevenzjoni tal-abbuż tad-drittijiet ta' moviment liberu minn ċittadini ta' pajjiżi terzi; titjib tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, inklużi kooperazzjoni dwar prattiki tar-ritorn.

Id-dokument ta' azzjoni strateġiku huwa segwitu għal għadd ta' diskussjonijiet tal-Kunsill fl-2011 dwar is-suġġett li jinkludi dik f'Diċembru 2011 fejn l-Istati Membri laqgħu rapport mill-Presidenza Pollakka dwar ir-rispons tal-UE għal żieda fil-pressjonijiet migratorji ([18302/11](#)).

SIS II:

Il-kumitat eżamina l-aħħar żviluppi rigward l-implimentazzjoni tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) li hija mistennija li tibda tiffunzjona sal-ewwel erba' xhur tal-2013.

Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) hija bażi ta' data kondiviża mill-awtoritajiet tal-fruntieri u l-migrazzjoni u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-pajjiżi parteċipanti u fiha informazzjoni dwar persuni u dwar oġġetti mitlufa jew misruqa. Regoli stretti speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data japplikaw għas-SIS. Hija miżura kompensatorja għall-ftuħ tal-fruntieri interni skont il-Ftehim ta' Schengen, iżda hija meqjusa wkoll bħala fattur vitali ta' sigurtà fl-UE. Il-Kummissjoni Ewropea attwalment qed tiżviluppa t-tieni ġenerazzjoni tas-SIS, ġeneralment magħrufa bħala s-SIS II.

Affarijiet oħra

Taħt affarijiet oħra, il-kumitat kien infurmat dwar id-diskussjonijiet l-aktar reċenti dwar il-proposti għal Governanza ta' Schengen, jiġifieri l-proposta dwar il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, u l-proposta għall-emendar tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontroll fuq il-fruntiera fil-fruntieri interni.

Il-Ministru Grieg informa lill-Kunsill dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali Grieg dwar l-asil u l-migrazzjoni, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' tliet servizzi ġodda tal-asil (is-servizz ta' akkoljenza inizjali, is-servizz tal-asil u l-awtorità tal-appelli).

Il-kumitat ikkonkluda billi ħa nota tat-tħassib li wrew diversi delegazzjonijiet fir-rigward tal-introduzzjoni possibbli tar-rekwiżiti tal-viża għall-membri tal-ekwipaġġ ċivili tat-titjira mill-Federazzjoni Russa. Id-delegazzjonijiet qablu li għandu jittieħed kont ta' dan it-tħassib matul proċeduri ulterjuri fir-rigward tal-abbozz ta' ftehim li jemenda l-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża bejn ir-Russja u l-UE.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar it-titjib tal-protezzjoni ċivili permezz tat-tagħlimiet miksuba ([8149/12](#)).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili¹ kienet tat il-kompitu lill-Kummissjoni li "tistabbilixxi programm ta' tagħlimiet meħuda mill-interventi li jkunu saru fil-qafas tal-Mekkaniżmu u xxerred dawn it-tagħlimiet permezz tas-sistema tal-informazzjoni".

Il-programm għandu l-għan li jiżgura ġestjoni Ewropea tad-diżastri li tkun aktar effettiva, effiċjenti u koerenti permezz tal-integrazzjoni tal-esperjenza tal-passat fil-kooperazzjoni tal-UE fil-protezzjoni ċivili ġewwa jew barra l-Unjoni Ewropea.

Traffikar tad-drogi li joriġinaw fl-Afrika tal-Punent

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport dwar il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, speċjalment it-traffikar tad-drogi, li joriġinaw fl-Afrika tal-Punent ([8610/12](#)).

Ir-rapport jippreżenta s-sitwazzjoni attwali fl-2011 rigward l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u l-miżuri identifikati abbażi tal-Patt Ewropew għall-ġlieda kontra t-traffikar internazzjonali tad-droga ([8821/10](#)), id-dokument orjentat lejn l-Azzjoni ([5069/3/10](#)) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi fl-Afrika tal-Punent ([15248/1/09](#)).

Sigurtà f'avvenimenti sportivi b'dimensjoni internazzjonali

Il-Kunsill approva l-Pjan ta' Azzjoni għall-2012 li jimplimenta l-Programm ta' Ħidma tal-UE għall-2011-2013 miżuri futuri maħsuba biex jimmassimizzaw is-sikurezza u s-sigurtà b'rabta mal-avvenimenti sportivi, b'mod partikolari l-logħbiet tal-futbol, b'dimensjoni internazzjonali ([16421/10](#)).

¹ ĠU L 314, 1.12.2007.

President tal-Eurojust

Il-Kunsill approva l-ħatra tas-Sinjura Michele CONINSX, membru nazzjonali għall-Belġju, bħala President tal-Eurojust b'effett mill-1 ta' Mejju 2012.

Fis-17 ta' April, il-membri nazzjonali tal-Kulleġġ tal-Eurojust ħatru lis-Sinjura Michele CONINSX bħala President tal-Eurojust. Il-ħatra ttemm il-mandant tas-Sur Aled WILLIAMS, membru nazzjonali għar-Renju Unit fit-30 ta' April 2012. F'konformità mal-Artikolu 28 (2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Eurojust, ir-risultat tal-elezzjoni kellu jiġi ppreżentat lill-Kunsill għall-approvazzjoni tiegħu.

Skambju awtomatizzat ta' data (VRD) mal-Polonja

Il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) fil-Polonja ([8475/12](#)). Il-proċedura ta' evalwazzjoni mitluba mid-deċiżjoni 2008/616/ĠAI ([ĠU L 210, 6.8.2008](#)) ikkonkludiet li d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data kienu qed jiġu implimentati kompletament mill-Polonja u dan il-pajjiż kien għalhekk intitolat jirċievi u jipprovdi data personali mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni.

Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri

Illum, il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar il-konklużjoni ta' ftehim ġdid bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar ir-Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) ([17434/11](#)) li ser jissostitwixxi dak eżistenti, applikat proviżjonalment mill-2007. Il-Parlament Ewropew kien ta l-kunsens tiegħu fid-19 ta' April 2012. Il-ftehim huwa mistenni li jidhul fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2012.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ara [9168/12](#).

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju - Reviżjoni tal-istatuti

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tirrevedi l-Istatuti tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, li tagħmel lill-president tiegħu eliġibbli wkoll biex iżomm il-kariga ta' president *full-time* tal-Grupp ta' Ħidma "Eurogrupp" ([6898/12](#)).

Din issewgi deċiżjoni tal-kapijiet ta' stat u ta' gvern taż-żona tal-euro f'Ottubru li għadda li permezz tagħha l-Grupp ta' Ħidma "Eurogrupp" (EWG) minn issa 'l quddiem għandu ikun ippresedut minn president *full-time*. Bħala konsegwenza, il-persuna nominata għal din il-ħatra ma baqgetx uffiċjal ta' amministrazzjoni nazzjonali u issa hija impjegata mal-istituzzjonijiet tal-UE.

Il-KEF, stabbilit skont l-Artikolu 134 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jirrevedi s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-Istati Membri u jikkontribwixxi, fost l-oħrajn, għall-preparazzjoni tal-laqgħat tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.

Il-KEF jiltaqa' ma' membri magħżula mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, il-banek ċentrali nazzjonali, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew (kompożizzjoni sħiħa) jew ma' membri tal-amministrazzjonijiet, il-Kummissjoni u l-BĊE. Huwa jaħtar lill-president tiegħu b'magħġoranza tal-membri tiegħu għal termini ta' sentejn li jiġġeddu.

Il-president attwali tal-EWG u l-KEF huwa Thomas Wieser.

AFFARIJIET BARRANIN

Burma/Mjanmar - miżuri restrittivi

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tissospendi ċerti miżuri restrittivi tal-UE kontra l-Burma/Mjanmar għal sena wara ftehim milħuq fil-Kunsill Affarijiet Barranin fit-23 ta' April (ara [9008/12](#)). Ir-regolament korrispondenti tal-Kunsill attwalment qed jiġi mħejji.

L-adeżjoni tal-UE mat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk

Il-Kunsill approva l-adeżjoni tal-UE mat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk, li ġie konkluż fl-1976 min-nazzjonijiet tal-ASEAN u għandu l-għan li jippromwovi l-paċi, l-istabbiltà u l-kooperazzjoni fir-reġjun ([7434/12](#)).

ĦATRIET

Imħallfin u Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja

Fil-25 ta' April, ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri reġġu ħatru l-Imħallfin li ġejjin fil-Qorti tal-Ġustizzja għal mandat ieħor mis-7 ta' Ottubru 2012 sas-6 ta' Ottubru 2018:

Is-Sur Alexander ARABADJIEV (Bulgarija)

Is-Sur Jiří MALENOVSKÝ (Repubblika Ċeka)

Is-Sur Thomas VON DANWITZ (Ġermanja)

Is-Sur Jean-Claude BONICHOT (Franza)

Is-Sur George ARESTIS (Ċipru)

Is-Sur Egils LEVITS (Latvja)

Is-Sur Egidijus JARAŠIŪNAS (Lithwanja)

Is-Sinjura Alexandra PRECHAL (Pajjiżi l-Baxxi)

Is-Sinjura Maria BERGER (Austrija)

Is-Sur Gustav FERNLUND (Svezja).

Huma reġġu ħatru wkoll lis-Sur Yves BOT (Franza) bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-istess mandat.

Barra minn hekk, huma ħatru lis-Sur José Luís DA CRUZ VILAÇA (Portugall) bħala Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja u lis-Sur Melchior WATHELET (Belġju) u s-Sur Nils WAHL (Svezja) bħala Avukati Ġenerali għall-istess mandat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja hija komposta minn 27 Imħallef u tmien Avukati Ġenerali. Dawn huma maħtura għal mandat ta' sitt snin, li jista' jiġġedded. L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja jaħtru wieħed fosthom bħala president għal perijodu ta' tliet snin li jista' jiġġedded.
